MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2007

Rikors Numru. 784/2005

**M. Demajo (Holdings) Limited (C 2517)**

**-vs-**

**Davison Co. Limited (C 20098)**

**Il-Qorti**

Rat l-**atti tar-rikors** li permezz tieghu is-socjeta’ rikorrenti esponiet illi:

Illi permezz ta’ sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fit-3 ta’ Mejju 2002 fl-ismijiet *M. Demajo (Holdings) Limited vs Davison Co. Limited* (Cit. Nru 372/02GC),

kopja ta' liema sentenza qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. A, is-socjeta' rikorrenti giet kanonizzata kreditrici tas-socjeta' intimata fis-somma ta' ghaxart elef, mitejn, sebgha u hamsin lira Maltin (Lm10,257), oltre l-ispejjez ammontanti ghas-somma ta' disa' mija, erbgha u ghoxrin lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm924.81), rapprezentanti in kwantu ghal tmien mija u erbghin lira Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm840.33) spejjez indikati fit-taxxa hawn annessa u mmarkata bhala Dok. B u in kwantu ghar-rimanenti erbgha u tmenin lira Maltin u tmienja u erbghin centezmu (Lm84.48) taxxa fuq il-valur mizjud fuq id-drittijiet professjonali, rizultanti mill-istess taxxa, oltre l-imghaxijiet legali mid-data ta' l-istess sentenza sad-data ta' l-effettiv pagament;

Illi a bazi tas-sentenza fuq imsemmija, s-socjeta' rikorrenti ottjeniet kontra s-socjeta' intimata, l-hrug ta' mandat ta' sekwastru ezekuttiv li jgib in-numru 1328/04, liema mandat gie ezegwit (ara kopja tal-mandat hawn anness u mmarkat bhala Dok. C);

Illi sa llum is-socjeta' intimata ghadha ma hallset xejn mis-somma dovuta lis-socjeta' rikorrenti;

Illi r-rikors odjern qieghed isir a bazi ta' dak li jipprovdi l-Att XXV ta' l-1995 dwar Kumpanniji, liema att fl-artikolu 2(7), jghid hekk:-

"F'dan l-Att … jekk ikun hemm xi konflitt bejn it-test Ingliz u t-test Malti, ghandu jipprevali t-test Ingliz.''

Illi l-artikolu 214(2)(a) (ii) ta' l-imsemmi Att jipprovdi wkoll illi:-

"a company may be dissolved and wound up by the Court in the following cases – (ii) the company is unable to pay it's debts.''

Illi a tenur ta' l-artikolu 214(5)(a) ta' l-istess Att:-

''… a company shall be deemed to be unable to pay its debts-

(a) if a debt due by the company has remained unsatisfied in whole or in part after twenty-four weeks from the enforcement of an executive title against the company by any of the executive acts specified in section 273 of the Code of Organization and Civil Procedure''.

Illi l-artikolu 273 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, fost l-atti ezekuttivi, jsemmi espressament il-mandat ta' sekwestru;

Illi l-artikolu 218 ta' l-imsemmi Att dwar il-Kumpanniji, jghid hekk:-

"A request to the Court … for the… dissolution and winding up of a company by the Court in accordance with article 214(2)(a) .. shall be made by means of an application which may be made … by the …creditor or creditors…''.

Illi s-socjeta' rikorrenti hija kreditrici tas-socjeta' intimata, kif fuq inghad, u f'dan il-kaz jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-Att dwar il-Kumpanniji, sabiex is-socjeta' rikorrenti tkun tista' titlob li s-socjeta' intimata tigi xolta u stralcjata ai termini tad-dispozizzjonijiet ta' l-istess att fuq citati.

Ghaldaqstant, is-socjeta' rikorrenti titlob bir-rispett kollu illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha xxolji u tordna l-istralc tas-socjeta' intimata a bazi ta' l-artikolu 214(2)(a)(ii) ta' l-Att XXV ta' l-1995 dwar il-Kumpanniji u a bazi tal-provvedimenti l-ohra relattivi u rilevanti ta' l-istess Att u taghti kull provvediment iehor li jidhrilha xieraq u opportun, inkluz li tahtar amministratur provizorju li jibqa' jzomm dik il-kariga sa dak iz-zmien li jsir l-ordni ghall-istralc u dan a tenur ta' l-artikolu 228(1) ta' l-istess Att.

Rat is-sentenza a fol. 4;

Rat li l-konvenuti debitament notifikati baqghu kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet rapprezentat tas-socejta' rikorrenti jikkonferma li ma sar ebda pagament mill-intimati;

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti u
ixxolji u tordna l-istralc tas-socjeta' intimata a bazi ta' l-artikolu 214(2)(a)(ii) ta' l-Att XXV ta' l-1995 dwar il-Kumpanniji ;
u ai fini tal-istess tappunta lil Avukat Dr. Louis Cassar Pullicino bhala likwidatur tal-kumpanija ntimata.

Spejjez ghall-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------